# P7_TA(2013)0590

# Azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (COM(2012)0407 – C7-0198/2012 – 2012/0199(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0407),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 167(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0198/2012),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-15 ta’ Frar 2012[1] u tat-30 ta’ Novembru 2012[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0226/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 113, 18.4.2012, p. 17
[2] ĠU C 17, 19.1.2013, p. 97.

**P7_TC1-COD(2012)0199**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2013 bil-ħsieb li tadotta d-Deċiżjoni Nru .../2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE**

**[Emenda 84*]**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

* Emendi: it-test ġdid jew emendat huwa indikat b'tipa qawwija korsiva; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jimmira għal unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu, inter alia, li tikkontribwixxi għat-tisbiq tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tagħti prominenza lill-patrimonju kulturali komuni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġja u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri biex itejbu l-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej.

1 ***ĠU C 113, 18.4.2012, p. 17 u ĠU C 17, 19.1.2013, p. 97.***
2 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2013.

(2) Il-Komunikazzjoni ***tal-Kummissjoni*** ▌ dwar Aġenda Ewropea għall-kultura f'dinja li qed tiġi globalizzata approvata mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tas-16 ta' Novembru 2007[1] ▌ ***u mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008[2],*** tistabbilixxi l-għanijiet għal attivitajiet futuri tal-Unjoni fil-qasam tal-kultura. Dawn l-attivitajiet għandhom jippromwovu d-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali. Għandhom jippromwovu wkoll il-kultura bħala katalizzatur għall-kreattività fil-qafas tat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll element vitali fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni.

***(2a) Il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007 and li tagħha l-Unjoni hi firmatarja, għandha l-għan li tipproteġi u tippromwovi d-diversità kulturali u l-interkulturalità u tkabbar l-għarfien dwar il-valur tad-diversità kulturali fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali.***

---

1 ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.

***2 ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 32.***

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ▌ stabbilixxiet azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019

(4) L-evalwazzjonijiet tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika dwar il-ġejjieni tal-azzjoni wara l-2019 jiżvelaw li l-Kapitali progressivament saru waħda mill-inizjattivi kulturali l-aktar ambizzjużi fl-Ewropa kif ukoll waħda mill-aktar apprezzati miċ-ċittadini Ewropej.

(5) Barra mill-għanijiet oriġinali tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura li kienu li tiġi enfasizzata r-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej u l-karatteristiċi li jaqsmu bejniethom u li jiġi promoss għarfien reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej, l-ibliet bit-titolu progressivament żiedu dimensjoni ġdida wkoll billi użaw l-effett ta' lieva tat-titolu biex jistimulaw l-iżvilupp aktar ġenerali tal-belt ***f'konformitá mal-istrateġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom***.

---

1 ***Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019 (***ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1***).***

(6) L-għanijiet ***tal-azzjoni dwar il-Kapitali Ewropej tal-Kultura*** huma għalkollox konformi mal-għanijiet tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] li għandu l-għan li ***jissalvagwardja, jiżviluppa u*** jippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea***, li jippromwovi l-patrimonju kulturali Ewropew*** u li jsaħħaħ il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi ***Ewropej***, ***b'mod partikolari fis-settur awdjo-viżiv,*** bil-għan li jsostni tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. ***Dawn għandhom jgħinu ukoll billi joħolqu sens ta' appartenenza fir-rigward taż-żona kulturali komuni, u jistimolaw id-djalogu interkulturali u l-fehim reċiproku.***

***(6a) Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, hu importanti li l-bliet li jkollhom dan it-titolu jiżviluppaw rabtiet bejniethom, min-naħa fis-setturi kulturali u kreattivi tagħhom u mill-oħra, f'setturi bħall-edukazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent, l-iżvilupp urban jew it-turiżmu kulturali. B'mod partikolari, l-esperjenza tal-imgħoddi wriet il-potenzjal tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura meta dawn jaġixxu bħala katalist għall-iżvilupp lokali u t-turiżmu kulturali kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 bl-isem "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja: qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew", li intlaqgħat mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2010*** [2]***u approvata mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011***[3]***.***

---

1 ***Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 2013/12/20, p. 221).***

2 ***14944/10***.

3 ***ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 41.***

(6b) ***Hu importanti wkoll li l-bliet detenturi tat-titolu jfittxu li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs u biex jagħmlu dak kollu possibbli biex jiżguraw l-akbar parteċipazzjoni possibbli tal-elementi kollha tas-soċjetà ċivili fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-programm kulturali, billi tingħata attenzjoni speċjali lill-gruppi marġinalizzati u żvantaġġjati.***

(7) L-evalwazzjonijiet u l-konsultazzjoni pubblika wrew***, b'mod konvinċenti,*** li l-Kapitali Ewropej tal-Kultura għandhom bosta benefiċċji potenzjali meta jiġu ppjanati bir-reqqa. Jibqgħu l-ewwel u qabel kollox inizjattiva kulturali, iżda jistgħu wkoll iġibu magħhom benefiċċji ekonomiċi u soċjali sinifikanti, b'mod partikolari meta jiġu inkorporati fil-qafas ta' strateġija ta' żvilupp fit-tul ***immexxi mill-kultura*** fil-belt ikkonċernata.

(8) ***L-azzjoni tal-Kapitali*** Ewropej tal-Kultura huma wkoll ta' sfida kbira. L-organizzazzjoni ta' programm ta' attivitajiet kulturali għal sena sħiħa mhix xi ħaġa faċli u xi Kapitali ***Ewropej tal-Kultura*** kellhom suċċess aktar minn oħrajn fl-isfruttament tal-potenzjal. Għalhekk, l-azzjoni għandha tissaħħaħ biex tgħin l-ibliet kollha jisfruttaw bis-sħiħ it-titolu.

(9) It-titolu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għandu jkompli jibqa' riservat għal bliet, ***irrispettivament mid-daqs tagħhom,*** iżda biex jilħaq pubbliku usa' u jikbru l-impatti, ***dawk*** l-ibliet għandhom ukoll ikomplu jkollhom il-possibilità li jinvolvu ***ż-żona*** ta' madwarhom.

(10) L-għoti tat-titolu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura għandu jibqa' jkun ibbażat fuq programm kulturali maħluq speċifikament għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u li għandu jkollu dimensjoni Ewropea qawwija ħafna. Dan il-programm ***għandu wkoll*** ikun parti minn strateġija fit-tul ***li jkollha impatt sostenibbli fuq l-iżvilupp tal-ambjent ekonomiku, kulturali u soċjali lokali***.

(11) Il-proċess ta' għażla fuq żewġ stadji bbażat fuq lista kronoloġika tal-Istati Membri u mwettaq minn bord Ewropew ta' esperti indipendenti ***(il-"bord")*** wera li huwa ġust u trasparenti. Dan ippermetta li l-ibliet itejbu l-applikazzjonijiet tagħhom bejn il-fażi ta' qabel l-għażla u l-aħħar fażi tal-għażla abbażi ta' parir espert mill-bord, u żgura tqassim ġust ***tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura*** madwar l-Istati Membri kollha. ***Barra minn hekk biex tkun salvagwardjata l-kontinwità tal-azzjoni u biex ikun evitat it-telf ta' esperjenza u għarfien li tista' tinħoloq jekk il-membri kollha jinbidlu fl-istess ħin, il-membri tal-bord għandhom jinbidlu gradwalment.***

***(11a)*** ***L-għarfien espert nazzjonali għandu jibqa' jkun żgurat billi l-Istati Membri jitħallew jaħtru sa żewġ esperti fuq il-bord responsabbli mill-għażla u l-monitoraġġ tal-ibliet.***

(12) Il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu aktar espliċiti biex jagħtu aktar gwida ***aħjar*** lill-ibliet kandidati ***fir-rigward tal-għanijiet u tar-rekwiżiti li jridu jikkonformaw magħhom sabiex jiksbu t-titolu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura***. ***Il-kriterji tal-għażla għandhom jitkejlu faċilment*** biex ***jgħinu lill-bord*** ▌ fl-għażla u fil-monitoraġġ tal-ibliet. ▌ ***F'dan ir-rigward għandha ssir enfasi partikolari fuq il-pjanijiet tal-bliet kandidati għal attivitajiet dwar il-patrimonju inklużi fi*** strateġija ta' politika kulturali fit-tul ***li jistgħu joħolqu impatt kulturali, ekonomiku u soċjali sostenibbli***.

(13) Il-fażi ta' preparazzjoni bejn in-nomina ta' belt u s-sena tat-titolu hija ta' importanza kruċjali għas-suċċess ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura. Hemm qbil ġenerali ***wiesa'*** fost il-partijiet interessati li l-miżuri ta' akkumpanjament introdotti bid-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE kienu utli ħafna għall-bliet. Dawk il-miżuri għandhom jiġu żviluppati aktar b'mod partikolari permezz ta' laqgħat u żjarat ta' monitoraġġ aktar frekwenti fl-ibliet mill-membri tal-bord, u permezz ta' skambju ta' esperjenza aktar sod bejn il-Kapitali ***Ewropej tal-Kultura*** tal-imgħoddi, tal-preżent u tal-ġejjieni, kif ukoll bejn l-ibliet kandidati. ***L-ibliet magħżula jistgħu jiżviluppaw ukoll rabtiet ma' Kapitali Ewropej tal-Kultura oħrajn.***

(14) Il-premju Melina Mercouri kiseb valur simboliku qawwi li jmur lil hinn ħafna mill-ammont tal-premju li jista' jingħata mill-Kummissjoni. Madankollu, biex jiġi żgurat li l-ibliet nominati jissodisfaw l-impenji tagħhom, il-kondizzjonijiet għall-ħlas tal-premju għandhom ikunu aktar stretti u espliċiti.

***(14a) L-ibliet kandidati għandhom jesploraw il-possibilità, fejn xieraq, li jfittxu appoġġ finanzjarju mill-programmi u mill-fondi tal-Unjoni.***

(15) Huwa importanti li l-ibliet ikkonċernati jagħmluha ċara fil-materjal kollu ta' komunikazzjoni tagħhom li l-Kapitali Ewropej tal-Kultura huma ***azzjoni*** tal-Unjoni.

(16) L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni tar-riżultati tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-imgħoddi ma jistgħux jipprovdu dejta primarja dwar l-impatt tat-titolu u huma bbażati fuq dejta miġbura fil-livell lokali. Għalhekk, l-ibliet infushom għandhom ikunu l-atturi ewlenin fil-proċess tal-evalwazzjoni u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kejl effettivi.

(17) L-esperjenza ***tal-imgħoddi wriet*** li l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati tista' ***tgħin*** biex jinġiebu aktar qrib lejn l-Unjoni billi jiġu enfasizzati l-aspetti komuni tal-kulturi Ewropej Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura għandha għalhekk tkun miftuħa mill-ġdid għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali wara l-2019.

***(17a) Madankollu, għal raġunijiet ta' ekwità mal-ibliet fl-Istati Membri, kull belt fil-pajjiżi kandidati jew pajjiżi kandidati potenzjali għandha titħalla tipparteċipa f'kompetizzjoni waħda biss tul il-perjodu mill-2020 sal-2033. Barra minn hekk, ukoll għal raġunijiet ta' ekwità mal-Istati Membri, kull pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali għandu jitħalla jilqa' t-titolu darba biss matul il-perjodu mill-2020 sal-2033. Għalhekk, bliet minn dawk il-pajjiżi kandidati jew pajjiż kandidat potenzjali li diġà ngħataw it-titolu tul il-perjodu kopert minn din id-Deċiżjoni ma għandhomx jitħallew jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet sussegwenti f'dak l-istess perjodu.***

(18) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u, partikolarment, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħatra tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, is-setgħat implimentattivi għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni.

(19) Id-Deċiżjoni ***Nru*** 1622/2006/KE għandha titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni. Id-dispożizzjonijiet tagħha għandhom madankollu jkomplu japplikaw għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura kollha sal-2019 li kienu diġà nominati jew huma fil-proċess li jiġu nominati.

(20) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni***, b'mod partikolari li tiġi ssalvagwardjata u promossa d-diversità ta' kulturi fl-Ewropa, biex jiġu enfasizzati l-elementi komuni kondiviżi u tiġi promossa l-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-ibliet,*** ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa, b'mod partikolari, ta' kriterji u proċeduri komuni, ċari u trasparenti għall-għażla u l-monitoraġġ tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, kif ukoll ta' koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri, iżda jistgħu***, minħabba l-firxa u l-effetti mistennija tal-azzjoni,*** jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

***Stabbiliment***

▌***Azzjoni tal-Unjoni Ewropea intitolata "Kapitali*** Ewropej tal-Kultura*"* (l-"azzjoni") ***hija b'dan stabbilita*** għas-snin 2020 sal-2033.

Artikolu 2

Għanijiet

1. L-għanijiet ġenerali tal-azzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) li tiġi salvagwardata u promossa d-diversità tal-kulturi ***fl-Ewropa*** u jiġu enfasizzati l-aspetti komuni li għandhom bejniethom, ***kif ukoll sabiex jikber is-sens ta' appartenza għal spazju kulturali komuni***;

   (b) li titrawwem il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp fit-tul tal-ibliet ***f'konformità mal-istrateġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom***.

2. L-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) li ttejjeb il-medda, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fl-ibliet, inkluż permezz ta’ kooperazzjoni transnazzjonali;

(b) li tkabbar l-aċċess u l-parteċipazzjoni fil-kultura;

(c) li ssaħħaħ il-kapaċità tas-settur kulturali u ***r-rabtiet*** tiegħu ma' setturi oħra;

(d) li ***tgħolli*** l-profil internazzjonali tal-bliet permezz tal-kultura.

Artikolu 3

Aċċess għall-azzjoni

***-1.*** ***Il-kompetizzjoni għat-titolu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għandha tkun miftuħa biss għall-ibliet, li jistgħu jinvolvu ż-żoni tal-madwar tagħhom.***

***-1a.*** ***L-għadd ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura f'sena partikolari ("sena tat-titolu") ma għandux ikun aktar minn tlieta.***

***Il-ħatra għandha tapplika għal massimu ta' belt waħda fi kwalunkwe wieħed miż-żewġ Stati Membri li jidhru fil-kalendarju li jinsab fl-Anness ("kalendarju") u, fis-snin rilevanti, għal belt waħda mill-pajjiżi kandidati u potenzjali jew għal bliet minn pajjiż wieħed li jsir membru tal-Unjoni fiċ-ċirkostanzi li jinsabu fil-paragrafu 3a.***

1. L-ibliet fl-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jinħatru bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura għal sena ***waħda skont il-kalendarju***.

▌

▌

3. L-ibliet f'pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali ***li jipparteċipaw fil-Programm Ewropa Kreattiva jew fil-programmi sussegwenti tal-Unjoni li jappoġġaw il-kultura fid-data tal-pubblikazzjoni tas-sejħa għal preżentazzjoni ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 jistgħu*** japplikaw għat-titolu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura***, għal sena waħda biss,*** fil-qafas ta' kompetizzjoni miftuħa organizzata kull tielet sena ▌ b'konformità mal-kalendarju fl-anness.

▌ L-ibliet fil-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali ***għandhom jitħallew jipparteċipaw biss f'kompetizzjoni waħda matul il-perjodu mill-2020 sal-2033***.

***Barra minn hekk, kull pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali għandu jitħalla jilqa' t-titolu darba biss matul il-perjodu mill-2020 sal-2033.***

***3a.*** ***Pajjiżi li jsiru membri tal-Unjoni wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni iżda qabel il-31 ta' Diċembru 2026 għandhom ikunu intitolati jilqgħu t-titolu tal-Belt Kulturali Ewropea skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għal Stati Membri seba' snin wara l-adeżjoni. Il-kalendarju għandu jkun aġġornat kif meħtieġ. Pajjiżi li jaderixxu għall-Unjoni wara il-31 ta' Diċembru 2026 ma għandhomx ikunu intitolati jipparteċipaw f'din l-azzjoni ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura bħala Stati Membri.***

***Madankollu, fi snin fejn diġà hemm tliet Kapitali Ewropej tal-Kultura skont il-kalendarju, l-ibliet fil-pajjiżi aderenti għall-Unjoni għandhom ikunu intitolati biss jilqgħu t-titolu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fis-sena disponibbli li jmiss fil-kalendarju, fl-ordni tal-adeżjoni tagħhom.***

***Jekk belt minn pajjiż aderenti għall-Unjoni tkun ipparteċipat qabel f'kompetizzjoni għal pajjiżi kanditati u dawk kandidati potenzjali, hi ma tistax tipparteċipa fl-ebda kompetizzjoni sussegwenti għall-Istati Membri. Meta belt ta' pajjiż aderenti tkun ġiet maħtura bħala Belt Kulturali Ewropea matul il-perjodu mill-2020 sal-2033 skont il-paragrafu 3, dak il-pajjiż ma għandux ikun intitolat jinnomina belt oħra minn tiegħu bħala Belt Kulturali Ewropea f'din l-azzjoni wara l-adeżjoni tiegħu.***

***Jekk aktar minn pajjiż wieħed jaderixxi mal-Unjoni fl-istess data u jekk ma jkunx hemm qbil dwar l-ordni ta' parteċipazzjoni fl-azzjoni bejn dawk il-pajjiżi, il-Kunsill għandu jorganizza tlugħ bix-xorti.***

Artikolu 4

Applikazzjonijiet

▌

2. Għandha titħejja formola ta’ applikazzjoni komuni bbażata fuq il-kriterji stipulati fl-Artikolu 5 ***("formola ta' applikazzjoni")*** mill-Kummissjoni li għandha tintuża mill-kandidati kollha. ***Fejn belt tinvolvi ż-żona tagħha tal-madwar, l-applikazzjoni għandha ssir taħt l-isem tal-belt.***

3. Kull applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq programm kulturali b’dimensjoni Ewropea qawwija. Il-programm ***kulturali*** għandu jkun ta' sena u għandu jinħoloq b'mod speċifiku għat-titolu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, skont il-kriterji ***stipulati*** fl-Artikolu 5. ▌

Artikolu 5

Kriterji

Il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet ***("il-kriterji ")*** jinqasmu f'sitt kategoriji: "***kontribut għall-istrateġija*** fit-tul", ▌ "dimensjoni Ewropea", ***"kontenut kulturali u artistiku***", ***"kapaċità li twassal",*** "komunikazzjoni" u "ġestjoni".

1. Għal dik li huwa "***kontribut għall-istrateġija*** fit-tul", ***għandu jittieħed kont tal-fatturi li ġejjin***:

   (a) ***il-fatt li*** l-istrateġija kulturali tal-belt ***tkun*** fis-seħħ fiż-żmien tal-applikazzjoni, ***li tinkludi l-azzjonijiet u l-pjanijiet tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sostenn*** ta' attivitajiet kulturali lil hinn mis-sena tat-titolu;

   (b) il-pjanijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali ***u kreattivi, inkluż l-iżvilupp ta' kollegamenti fit-tul bejn is-setturi kulturali, ekonomiċi u soċjali fil-belt ikkonċernata***;

(d) l-effetti kulturali, ***l-impatt*** soċjali u ***ekonomiku, inkluż l-iżvilupp urban*** fit-tul li huwa previst li t-titolu jkollu fuq il-belt;

(e) il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titolu fuq il-***belt u għat-tixrid tar-riżultati tal-evalwazzjoni***.

4. Għal dik li hija "dimensjoni Ewropea", il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu eżaminati:

(a) l-ambitu u l-kwalità tal-attivitajiet li jippromwovu d-diversità kulturali tal-Ewropa***, id-djalogu interkulturali u l-fehim reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej***;

(b) l-ambitu u l-kwalità tal-attivitajiet li jenfasizzaw l-aspetti komuni tal-kulturi Ewropej, il-patrimonju u l-istorja, kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea ***u temi attwali Ewropej***;

(c) l-ambitu u l-kwalità tal-attivitajiet li fihom huma rrappreżentati l-artisti Ewropej, il-kooperazzjoni mal-operaturi jew l-ibliet speċjalment Kapitali Ewropej tal-Kultura oħrajn f'pajjiżi differenti, ***inkluż fejn xieraq, ta' Kapitali Ewropej tal-Kultura oħra*** u s-sħubiji transnazzjonali;

(d) strateġija biex jiġi attirat l-interess ta' pubbliku Ewropew ***u internazzjonali*** wiesa'.

***4a. Għal dak li huwa "kontenut kulturali u artistiku", il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu eżaminati:***

***(a) viżjoni artistika u strateġija ċari u koerenti għall-programm kulturali tas-sena;***

***(b) l-involviment ta' artisti u organizzazzjonijiet kulturali lokali fil-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-programm kulturali;***

(c) ***il-firxa u d-diversità tal-attivitajiet proposti u l-kwalità artistika ġenerali tagħhom;***

(d) ***il-kapaċità li tgħaqqad il-forom tal-arti tradizzjonali u l-wirt kulturali lokali ma' espressjonijiet kulturali ġodda, innovattivi u sperimentali.***

***4b. Għal dik li hija "kapaċità ta' rendiment", l-ibliet kandidati għandhom juru li:***

(a) ***l-applikazzjoni għandha l-appoġġ politiku wiesa' u impenn finanzjarju sostenibbli mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali;***

(b) ***il-belt għandha, jew ser ikollha, l-infrastruttura vijabbli u xierqa biex tilqa' t-titolu.***

5. Għal dik li hija "komunikazzjoni", il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu eżaminati:

(a) l-involviment tal-popolazzjoni lokali u s-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura;

(b) il-ħolqien ta’ opportunitajiet ġodda u sostenibbli għal firxa wiesgħa ta’ ċittadini biex jattendu jew jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali, partikolarment iż-żgħażagħ***, il-volontiera*** u l-emarġinati u l-iżvantaġġjati, inklużi l-minoranzi. Attenzjoni speċjali għandha tingħata wkoll ▌ għall-aċċessibbiltà ta’ dawn l-attivitajiet għal persuni b'diżabilità u għall-anzjani;

(c) l-istrateġija ġenerali għall-iżvilupp tal-udjenza, u partikolarment il-ħolqa mal-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-iskejjel.

6. Għal dik li hija "ġestjoni", il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu eżaminati:

(a) il-fattibbiltà ***tal-istrateġija għall-ġbir tal-fondi u*** tal-baġit propost ***li tinkludi, fejn xieraq, il-pjanijiet biex jinstab appoġġ finanzjarju mill-programmi u mill-fondi tal-Unjoni.*** Dan il-baġit għandu jkopri l-fażi tat-tħejjija, is-sena tat-titolu fiha nnifsha, ***l-evalwazzjoni*** u dispożizzjonijiet għal attivitajiet ta' segwitu***, u ippjanar ta' kontinġenza***;

(b) l-istruttura tal-governanza u ta' rendiment ***prevista*** għall-implimentazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, ***li għandha tinkludi dispożizzjoni dwar kooperazzjoni adegwata bejn l-awtorità lokali u l-istruttura ta' rendiment, inkluż it-tim artistiku***;

(c) ***il-proċeduri għall-ħatra tad-diretturi ġenerali u artistiċi*** u l-oqsma ta' azzjoni tagħhom ;

(d) l-istrateġija ***ta' kummerċjalizzazzjoni*** u ta' komunikazzjoni, li għandha tkun komprensiva u għandha tenfasizza li l-Kapitali Ewropej tal-Kultura ***hi azzjoni*** tal-Unjoni;

***(da) l-eżiztenza ta' istruttura ta' rendiment li l-persunal tagħha jkollu l-ħiliet u l-esperjenza xierqa għall-ippjanar, il-ġestjoni u t-twettiq tal-programm kulturali għas-sena tat-titolu.***

Artikolu 6

Bord ***ta' Esperti***

1. Bord Ewropew ta’ esperti indipendenti ("▌ ***il-bord***") għandu jiġi stabbilit biex iwettaq il-proċeduri tal-għażla u l-monitoraġġ.

***1a. Il-bord għandu jikkonsisti minn għaxar esperti maħtura mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni skont il-paragrafu 2 ("esperti Ewropej").***

***Barra minn hekk, għall-għażla u l-monitoraġġ tal-belt minn Stat Membru, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun intitolat jaħtar sa żewġ esperti (l-"esperti nazzjonali") skont il-proċeduri tiegħu stess u f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni .***

**2.** ▌

***Wara li torganizza sejħa ta' turija ta' interess,*** il-Kummissjoni għandha ***tipproponi*** grupp ta' membri potenzjali ***ta' esperti Ewropej***.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement għandhom jagħżlu tliet esperti kull wieħed minn dan il-grupp u jaħtruhom skont il-proċeduri rispettivi tagħhom. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jagħżel espert ***mill-grupp*** u jaħtar ***lil dak l-espert*** skont il-proċeduri tiegħu.

***Fl-għażla tal-esperti Ewropej,*** kull ***waħda minn dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom ifittxu li jiżguraw il-komplementarjetà tal-kompetenzi, it-tqassim ġeografiku bbilanċjat u bilanċ bejn is-sessi fil-kompożizzjoni ġenerali tal-bord***.

*2a.* ***L-esperti kollha għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni. Huma għandhom ikunu indipendenti b'esperjenza u għarfien espert sostanzjali fis-settur kulturali, fl-iżvilupp kulturali tal-ibliet, jew fl-organizzazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura jew f'avveniment kulturali internazzjonali ta' ambitu u skala simili. Huma għandhom ikunu wkoll f'pożizzjoni li jiddedikaw numru xieraq ta' ġranet tax-xogħol fis-sena lill-bord.***

***Il-Bord għandu jinnomina l-president tiegħu.***

3. ***L-esperti Ewropej*** għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin.

***Minkejja l-ewwel subparagrafu, fir-rigward*** tal-ewwel ***darba li jitwaqqaf il-bord***, il-Parlament Ewropew għandu jaħtar l-esperti tiegħu għal tliet snin, il-Kunsill għal sena, il-Kummissjoni għal sentejn u l-Kumitat tar-Reġjuni ▌ għal sena▌ .

4. ***L-esperti*** kollha tal-bord ▌ għandhom jiddikjaraw kwalunkwe konflitt ta’ interess attwali jew potenzjali fir-rigward ta’ belt kandidata speċifika. Fil-każ ta' dikjarazzjoni bħal din minn ***espert***, jew jekk jiġi żvelat tali kunflitt ta' interess, dak ***l-espert għandu jirriżenja u l-istituzzjoni jew il-korp rilevanti tal-Unjoni jew Stat*** Membru ***għandu jibdel dak l-espert għall-bqija tal-mandat, bi qbil mal-proċedura rilevanti***.

5. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika,*** fuq il-websajt ***tagħha, ir-rapporti kollha tal-bord***.

Artikolu 7

Sottomissjoni ta’ applikazzjonijiet fl-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-ibliet tiegħu f'konformità mal-kalendarju ▌.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ***mill-anqas*** sitt snin qabel ▌ is-sena tat-titolu.

   ***B'deroga, dawk l-Istati Membri li huma intitolati li jinnominaw Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2020, għandhom jippubblikaw din is-sejħa malajr kemm jista' jkun wara ...[*].*** Kull sejħa għal sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, immirata lejn l-ibliet kandidati għat-titolu, għandha ***tinkludi*** l-formula ta' applikazzjoni ▌.

   L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet ***mill-ibliet kandidati*** għal kull sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għandha tkun skedata ***mhux qabel*** 10 xhur minn meta tiġi pubblikata.

3. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni mill-Istat Membru konċernat.

[*] ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.***

Artikolu 8

Preselezzjoni fl-Istati Membri

1. Kull ▌ ***Stat*** Membru ***kkonċernat*** għandu jlaqqa' l-bord ▌ għal laqgħa ta' qabel l-għażla mal-ibliet kandidati ***mill-anqas*** ħames snin qabel is-sena tat-titolu ▌ .

2. Il-bord***,*** ▌ ***wara li*** jevalwa l-applikazzjonijiet skont il-kriterji, għandu jilħaq ftehim dwar lista mqassra ta' bliet kandidati ▌ u ***għandu*** joħroġ rapport ***tal-preselezzjoni*** dwar l-applikazzjonijiet ***kollha li jagħti, inter alia,*** rakkomandazzjonijiet lill-ibliet kandidati tal-lista mqassra.

3. Il-bord ▌ għandu jippreżenta rapport ***ta' preselezzjoni lill-Istati Membri kkonċernati*** u lill-Kummissjoni. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu japprova formalment il-lista mqassra bbażata fuq ir-rapporti tal-bord.

Artikolu 9

Għażla fl-Istati Membri

1. L-ibliet kandidati fil-lista mqassra għandhom ilestu ***u jirrevedu*** l-applikazzjonijiet tagħhom ***bil-ħsieb li jikkonformaw mal-kriterji kif ukoll jieħdu kont tar-rakkomandazzjonijiet*** fir-rapport ta' qabel l-għażla, u għandhom ***jippreżentawhom lill-Istat Membru kkonċernat***, li mbagħad għandu ***jippreżentahom*** lill-Kummissjoni.

2. Kull ***Stat Membru kkonċernat*** għandu jlaqqa' l-bord ▌ għal laqgħa ta' għażla finali mal-ibliet kandidati fil-lista mqassra ***sa mhux aktar tard*** minn disa' xhur wara l-laqgħa ta' preselezzjoni.

***Fejn meħtieġ, l-Istat Membru kkonċernat, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jista' jestendi dik l-iskadenza għal perjodu raġonevoli.***

3. Il-bord ▌ għandu jevalwa l-applikazzjonijiet kompletati ***u rieżaminati***.

4. Il-bord ▌ għandu joħroġ rapport ***tal-għażla*** dwar l-applikazzjonijiet b'rakkomandazzjoni għan-nomina ta' belt waħda fl-Istat Membru kkonċernat bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Madankollu, jekk ebda belt kandidata ma tissodisfa l-kriterji ***kollha***, il-bord ▌ jista' jirrakkomanda li dik is-sena t-titolu ma jingħatax.

Ir-rapport ***tal-għażla*** għandu jkollu wkoll rakkomandazzjonijiet lill-belt ***ikkonċernata*** dwar il-progress li jrid isir sas-sena tat-titolu.

***Il-bord għandu jippreżenta rapport ta' preselezzjoni lill-Istati Membri kkonċernati*** u lill-Kummissjoni. ▌

Artikolu 10

***Preselezzjoni u għażla fil-pajjiżi*** kandidati u dawk kandidati potenzjali

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-ibliet fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet mill-anqas sitt snin qabel ▌ is-sena tat-titolu. ▌

***Kull sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, immirata lejn l-ibliet kandidati għat-titolu, għandu jkun fiha formola ta' applikazzjoni.***

***L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet taħt kull sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għandha tkun skedata mhux qabel 10 xhur mill-pubblikazzjoni.***

▌

4. Il-preselezzjoni tal-ibliet għandha titwettaq mill-bord ▌ ***mill-anqas*** ħames snin qabel ▌ ***is-sena*** tat-titolu, abbażi ***tal-formola*** tal-applikazzjoni. Mhi se tiġi organizzata l-ebda laqgħa mal-ibliet kandidati.

Il-bord, ▌ ***wara li*** jevalwa l-applikazzjonijiet skont il-kriterji, għandu jilħaq ftehim dwar lista mqassra ta' bliet kandidati ▌ u ***għandu*** joħroġ rapport ***tal-preselezzjoni*** dwar l-applikazzjonijiet ***kollha li jagħtu, inter alia,*** rakkomandazzjonijiet lill-ibliet kandidati tal-lista mqassra. ***Il-bord għandu jippreżenta r-rapport tiegħu ta' preselezzjoni tiegħu*** lill-Kummissjoni ▌.

5. L-ibliet kandidati fil-lista mqassra għandhom ilestu ***u jirrevedu*** l-applikazzjonijiet tagħhom ***bil-ħsieb li jikkonformaw mal-kriterji kif ukoll jieħdu kont tar-rakkomandazzjonijiet fir-rapport tal-preselezzjoni, u għandhom jippreżentawhom*** lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-bord ▌ għal laqgħa ta' għażla finali mal-ibliet kandidati fil-lista mqassra ***mhux aktar tard minn*** disa' xhur wara ***l-laqgħa ta' preselezzjoni***. ***Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskadenza għal perjodu raġonevoli.***

Il-bord [redacted] għandu jevalwa l-applikazzjonijiet kompletati ***u rieżaminati***.

Huwa għandu joħroġ rapport ***tal-għażla*** dwar l-applikazzjonijiet tal-ibliet kandidati fil-lista mqassra flimkien ma' rakkomandazzjoni għan-nomina bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura ta' massimu ta' belt waħda f'pajjiż kandidat jew pajjiż kandidat potenzjali.

Madankollu, jekk ebda belt kandidata ma tissodisfa l-kriterji ***kollha***, il-bord [redacted] jista' jirrakkomanda li dik is-sena t-titolu ma jingħatax .

Ir-rapport ***tal-għażla*** għandu jkollu wkoll rakkomandazzjonijiet lill-belt [redacted] ***ikkonċernata*** dwar il-progress [redacted] li jrid isir sas-sena tat-titolu.

***Il-bord għandu jippreżenta r-rapport tal-għażla tiegħu*** lill-Kummissjoni [redacted] .

Artikolu 11

Nomina

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti implimentattivi, tinnomina uffiċjalment il-Kapitali Ewropej tal-Kultura, wara li tikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-bord ▌. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-għażla tagħha.

Artikolu 12

Kooperazzjoni bejn l-ibliet nominati

▌***Bliet nominati għall-istess*** sena għandhom ifittxu li jiżviluppaw rabtiet bejn il-programmi kulturali tagħhom**,** u ***l-kooperazzjoni tista' titqies*** fil-qafas tal-proċedura ta' monitoraġġ kif stabbilit fl-Artikolu 13.

Artikolu 13

Monitoraġġ

1. Il-bord ▌ għandu jissorvelja t-tħejjija tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura u jipprovdi l-ibliet b'appoġġ u gwida minn meta jiġu nominati sal-bidu tas-sena tat-titolu.

2. Għal ***dak*** il-għan, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ ***tliet laqgħat li għandhom jattendu għalihom*** il-bord ▌ u l-ibliet ***nominati*** ▌ **:** l-ewwel laqgħa għandha sseħħ tliet snin qabel ▌ ***is-sena*** tat-titolu; it-tieni laqgħa għandha sseħħ tmintax-il xahar qabel ▌ ***is-sena*** tat-titolu u t-tielet laqgħa għandha sseħħ xahrejn qabel ▌ ***is-sena*** tat-titolu. L-Istat Membru ***jew il-pajjiż kandidat jew kandidat potenzjali*** kkonċernat jista' jinnomina osservatur għal dawk il-laqgħat.

L-ibliet għandhom joħorġu rapporti dwar il-progress lill-Kummissjoni sitt ġimgħat qabel kull waħda mil-laqgħat.

Matul il-laqgħat, il-bord ▌ għandu jagħmel rendikont tal-preparazzjonijiet u jagħti parir bil-ħsieb li jgħin lill-ibliet jiżviluppaw programm ***kulturali*** ta’ kwalità għolja u strateġija effettiva. Il-bord għandu jagħti attenzjoni speċjali lir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport dwar l-għażla u fir-rapporti ta’ monitoraġġ preċedenti.

3. Wara kull laqgħa, il-bord ▌ għandu joħroġ rapport dwar l-istat tal-preparazzjonijiet u dwar kwalunkwe passi li għandhom jittieħdu.

***Il-bord għandu jittrażmetti*** r-rapporti ta' monitoraġġ ***lill-Kummissjoni***, ***kif ukoll*** lill-ibliet u l-Istati Membri jew ***il-pajjiżi*** kkonċernati. ▌

4. Barra mil-laqgħat ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni tista' torganizza żjarat mill-bord ▌ fl-ibliet innominati kull meta jkun meħtieġ.

Artikolu 14

Premju

1. ▌ Il-Kummissjoni ***tista'*** tagħti premju fi flus ***("il-premju")*** b'unur Melina Mercouri ***lil belt nominata soġġett għall-finanzjament disponibbli fil-qafas finanzjarju pluriennali rilevanti***.

L-aspetti legali u finanzjarji ***tal-Premju*** għandhom jiġu ttrattati fil-qafas tal-programmi rispettivi tal-Unjoni ta' appoġġ għall-kultura.

2. ▌ Il-premju għandu jitħallas sa mhux aktar tard mill-aħħar ta’ ***Marzu*** tas-sena tat-titolu, kemm-il darba l-belt ***ikkonċernata*** żżomm mal-impenji li tkun għamlet fl-istadju tal-applikazzjoni, ***tikkonforma mal-kriterji u tieħu kont tar-rakkomandazzjonijiet inklużi*** fir-rapporti tal-għażla u tal-monitoraġġ.

L-impenji magħmula fl-istadju tal-applikazzjoni għandhom jitqiesu miżmuma mill-belt nominata meta ma tkun saret l-ebda bidla sostanzjali lill-programm u l-istrateġija bejn l-istadju tal-applikazzjoni u s-sena tat-titolu, u b'mod partikolari meta:

(a) il-baġit ***inżamm f'livell li fih jista' jitwettaq programm kulturali ta' kwalità għolja f'konformità mal-applikazzjoni u l-kriterji***;

(b) l-indipendenza tat-tim artistiku tkun ġiet rispettata ***b'mod adegwat***;

(c) id-dimensjoni Ewropea tkun baqgħet qawwija biżżejjed fil-verżjoni finali tal-programm kulturali;

(d) l-istrateġija ***ta' kummerċjalizzazzjoni*** u komunikazzjoni u l-materjal ta' komunikazzjoni użat mill-belt ***nominata*** jkunu jirriflettu biċ-ċar il-fatt li l-Kapitali Ewropej tal-Kultura hija inizjattiva tal-Unjoni;

(e) il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatti tat-titolu fuq il-belt ikkonċernata jkunu fis-seħħ.

Artikolu 15

Arranġamenti prattiċi

Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari:

(a) tiżgura l-koerenza ġenerali tal-azzjoni;

(b) tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-bord ▌;

(c) fid-dawl tal-għanijiet u l-kriterji, tistabbilixxi linji gwida biex jassistu fl-għażla u l-proċeduri ta' monitoraġġ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bord ▌;

(d) tipprovdi appoġġ ***tekniku*** lill-bord ▌;

(e) tagħmel pubblika l-informazzjoni rilevanti kollha u tikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-azzjoni fil-livell Ewropew ***u internazzjonali***;

(f) trawwem l-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prassi bejn il-Kapitali ***Ewropej tal-Kultura*** tal-imgħoddi, tal-preżent u tal-futur, kif ukoll l-ibliet kandidati***, u tippromwovi tqassim aktar mifrux tar-rapporti ta' evalwazzjoni tal-ibliet u l-lezzjonijiet meħuda***.

Artikolu 16

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjoni tar-riżultati ta’ kull Kapitali Ewropea tal-Kultura għandha tkun ▌ ir-responsabbiltà tal-belt ***ikkonċernata***.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida u indikaturi komuni għall-ibliet abbażi tal-għanijiet u tal-kriterji ▌ sabiex tiżgura approċċ koerenti fil-proċedura ta' evalwazzjoni.

L-ibliet għandhom ***iħejju*** r-rapporti ta' evalwazzjoni tagħhom ***u jittrażmettuhom*** lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' ***Diċembru*** tas-sena ta' wara s-sena tat-titolu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti ***ta' evalwazzjoni fuq il-websajt***.

2. Barra l-evalwazzjonijiet tal-ibliet, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-evalwazzjoni esterna u indipendenti tar-riżultati ***tal-azzjoni jsiru*** fuq bażi regolari. ▌

***L-evalwazzjoni*** esterna u indipendenti ***għandha tiffoka fuq il-fatt li tqiegħed il-Kapitali*** Ewropej tal-Kultura ***kollha tal-imgħoddi f'kuntest Ewropew, b'mod li jistgħu jsiru paraguni u jittieħdu tagħlimiet għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-ġejjieni, kif ukoll għall-ibliet Ewropej kollha***. ***Hija għandha*** tivvaluta l-azzjoni bħala entità sħiħa, inklużi l-effiċjenza tal-proċessi involuti fit-tmexxija ***tagħha***, l-impatt ***tagħha*** u kif ***tista' tittejjeb***.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni ***r-rapporti li ġejjin imsejsa fuq dawk l-evalwazzjonijiet, akkumpanjati, jekk ikun xieraq, minn proposti rilevanti***:

(a) ***l-ewwel*** rapport interim ▌ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024;

(b) it-tieni rapport interim ▌ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029;

(c) rapport ▌ ex post sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2034.

Artikolu 17

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE hija b'dan imħassra. Hija għandha madankollu tkompli tapplika fil-każ ta’ bliet li ġew nominati jew huma fil-proċess li jiġu nominati bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin mill-2012 sal-2019.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [redacted]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS

***Kalendarju***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2020 | Il-Kroazja | L-Irlanda | |
| 2021 | Ir-Rumanija | Il-Greċja | ***Pajjiż kandidat jew potenzjalment kandidat*** |
| 2022 | Il-Litwanja | Il-Lussemburgu | |
| 2023 | L-Ungerija | Ir-Renju Unit | |
| 2024 | L-Estonja | L-Awstrija | ***Pajjiż kandidat jew potenzjalment kandidat*** |
| 2025 | Is-Slovenja | Il-Ġermanja | |
| 2026 | Is-Slovakkja | Il-Finlandja | |
| 2027 | Il-Latvja | Il-Portugall | ***Pajjiż kandidat jew potenzjalment kandidat*** |
| 2028 | Ir-Repubblika Ċeka | Franza | |
| 2029 | Il-Polonja | L-Isvezja | |
| 2030 | Ċipru | Il-Belġju | ***Pajjiż kandidat jew potenzjalment kandidat*** |
| 2031 | Malta | Spanja | |
| 2032 | Il-Bulgarija | Id-Danimarka | |
| 2033 | Il-Pajjiżi l-Baxxi | L-Italja | ***Pajjiż kandidat jew potenzjalment kandidat*** |